Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 588/2004

**Korporazzjoni Enemalta u permezz ta' verbal tat-22 ta' Ottubru, 2014 (fol. 131) il-qorti awtorizzat li ssir id-debita annotazzjoni fis-sens li l-Enemalta plc assumiet l-atti tal-kawza minflok il-Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Charles Schembri f'ismu proprju u f'isem is-socjeta' C & F Enterprises Ltd**

2 ta' Frar, 2018.

1. B'sentenza tat-30 ta' Novembru, 2016 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ikkundannat lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' tlett elef u erbgha u hamsin ewro (€3,054), relata ma' xoghol ta' installazzjoni ta' *sub-station*, bl-imghax mid-data tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Lulju, 2007. Min-naha l-ohra lliberat lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Jirrizulta li fl-20 ta' Gunju, 1997 kien iffirmat kuntratt bejn C & F Enterprises Limited u l-Korporazzjoni Enemalta ghal *supply High Tension* f'*Portico Buildings*, Marina Street, Pieta'. Il-konvenuta obbligat ruhha li thallas ghal dak ix-xoghol.

3. Is-socjeta' konvenuta argumentat li l-makkinarju li pprovdiet is-socjeta' attrici ma kienx dak pattwit, kif ukoll il-hlas li kien miftiehem kien sar.

4. Il-kumpannija konvenuta appellat mis-sentenza. L-aggravji huma li:

   (a) l-ewwel qorti ghamlet interpretazzjoni hazina tal-provi li tressqu quddiemha partikolarment dwar l-eccezzjoni li l-makkinarju li nghata ma kienx dak pattwit. Fil-fatt it-*transformer* li kien konsenjat kien *'second hand'* ta' 500 vultagg.
   (b) Inoltre', l-ewwel qorti applikat il-ligi b'mod zbaljat ghal dak li jirrigwarda l-pagament ghas-saldu.
   (c) L-azzjoni tal-attrici hi preskritta skont l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.
   (d) Il-kap tal-ispejjez ma fihx ragunijiet sufficjenti u d-dewmien biex tinghata s-sentenza m'ghandux ikun ta' pregudizzju ghall-partijiet fir-rigward tal-ispejjez u imghax.

5. Fil-5 ta' Jannar, 2017 l-appellata pprezentat twegiba fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

**Konsiderazzjoni.**

6. Fil-kuntratt iffirmat fl-20 ta' Gunju, 1997 jinghad li l-attrici kellha tipprovdi ghal *"extension of the High Tension Supply to Portico Buildings, Marina Street, Pieta"* filwaqt li l-konvenuta kienet ser thallas lura lill-attrici, *"…. the expenses to be incurred for the purposes and the Corporation has acceded to that application on the conditions hereunder stated"*.

7. Filwaqt li fl-istima li nghatat fis-16 ta' Dicembru 1996 l-ispejjez kienu Lm17,482 (Lm 15997.26 materjal u Lm1,485 materjal), fil-kuntratt tal-20 ta' Gunju 1997 il-partijiet ftehmu fuq is-somma ta' Lm20,105 li minnhom il-konvenuta hallset 50% dakinhar (ara ricevuta fiskali a fol. 98). Jinghad li s-socjeta konvenuta ghandha thallas lill-attrici *"… any sum which may have been expended over and above the same amount of Lm10,050"*, ovvjament sa massimu ta' Lm20,105. Il-kont finali li harget l-attrici kien ghat-total ta' Lm20,243 in kwantu ghal Lm18,388 materjal u Lm1,855 xoghol.

8. L-inginier Victor Bonello[1] xehed, *"I cannot understand from Enemalta's revised bill dated 25th of Frebruary 2003, why Enemalta listed an 800KVA transformer once the client's demand was for a 400 amps which can be easily catered for by a 500 KVA transformer…., as in fact originally quoted and paid for by the client In 1996"* (fol. 49). Kif sewwa qalet l-ewwel qorti, fil-kuntratt tal-20 ta' Gunju, 2007 l-attrici m'obbligatx ruhha li tinstalla xi apparat partikolari. Dan apparti li skont ma xehed Joseph Scicluna[2] twahhal *transformer* ta' 500 KVA (fol. 24).

9. Il-konvenuta lmentat ukoll li sar il-hlas u ghalhekk kien hemm l-estinzjoni tal-obbligazzjoni. Jirrizulta li fit-8 ta' Lulju, 1998 l-attrici harget ricevuta fiskali ghas-somma ta' Lm8,743 wara li nghatat cekk numru 13208. Mhemmx prova li l-hlas kien ghas-saldu. Hu veru l-istima ta' Dicembru 1996 kienet ghal Lm17,842 (fol. 99), pero' hu veru wkoll li l-kuntratt li ffirmaw il-partijiet isemmi prezz ta' Lm20,105. Jekk l-istima ta' Dicembru 1996 kellhom ikunu l-ispejjez li l-konvenuta thallas lill-attrici, il-qorti tistenna li:-

    i. Fit-8 ta' Lulju, 1998 il-konvenuta kellha thallas is-somma ta' Lm7,792 (**Stima Lm17,842 – Lm10,050 hlas akkont = Lm17,842**) u mhux Lm8,743 (ara ricevuta a fol. 98). Il-konvenuta ma tat l-ebda

[1] Xhud tal-konvenuta.
[2] Ufficjal tal-attrici li xehed li fiz-zmien in kwistjoni kien, *"… inkarigat mis-sezzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta li tiehu hsieb tal-istallazzjoni ta' sub-stations f'Malta*" (fol. 23A).

spjegazzjoni kif hallset Lm951 (**Lm8,743 – Lm7,792 = Lm951**) iktar jekk il-hlas kellu jsir skont l-istima ta' Dicembru, 1996.

ii. Kienet tissemma fil-kuntratt jew ghallinqas kienet tigi mehmuza mal-kuntratt. F'dan il-kuntest l-ewwel qorti ghamlet riferenza ghal dak li xehed l-inginier Joseph Scicluna (ara pagna 7 tas-sentenza) meta kien mistoqsi biex jaghti spjegazzjoni dwar id-diskrepanza li hemm bejn l-istima u l-kont. Ragunament li l-ewwel qorti kellha kull dritt taghmel. L-istess il-qorti ma tara xejn irregolari fir-ragunament tal-ewwel qorti dwar il-prassi tal-attrici li tixghel is-*substation* meta jkun thallas il-kont kollu tal-istima. B'daqshekk ma jfissirx li l-hlas ta' Lm8,793 kien ghas-saldu.

10. Aggravju iehor jirrigwarda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. L-ewwel qorti qalet li r-riferenza ghall-artikolu 2156 tal-Kodici Civili ma kienx bizzejjed ghaliex dik id-disposizzjoni fi seba' paragrafi u l-konvenuta ma ddikjaratx *"… liema wiehed minn dawn is-sub-incizi qed tibbaza l-eccezzjoni taghha tal-preskrizzjoni"*. Kien fir-rikors tal-appell li l-appellanti ddikjarat li l-paragrafu rilevanti hu '(f)'. Fatti li l-qorti tqis li huma rilevanti, huma:

i. Fit-8 ta' Lulju, 1998 il-konvenuta hallset is-somma ta' LM8,743.
ii. Ghalkemm Joseph Scicluna xehed li x-xoghol tlesta f'Mejju, 1998 (fol. 24), mill-*job cards* li pprezenta l-istess xhud jirrizulta li sa Novembru, 1998 kien ghadu ghaddej xoghol (fol. 69-78).
iii. Fit-3 ta' Lulju, 2003 l-attrici pprezentat ittra ufficjali li biha sejhet lill-konvenuta biex thallas is-somma ta' Lm2,761 rapprezentanti l-bilanc fuq ix-xoghol meritu tal-kawza. L-ittra ufficjali kienet notifikata fis-16 ta' Lulju, 2003. Dan ifisser li fit-3 ta' Lulju, 2003 sehhet interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Dakinhar kienu ghadhom m'ghaddewx hames snin mill-pagament li sar fit-8 ta' Lulju, 1998 u lanqas minn meta tlesta x-xoghol.
iv. Fit-28 ta' Ottubru, 2004 l-attrici pprezentat il-kawza.

Ghaldaqstant, dan l-aggravju hu minghajr bazi.

11. Fis-sentenza l-ewwel qorti qalet:

*"5. L-ispejjez tal-konvenut Charles Schembri ghandhom jigu subiti mis-socjeta attrici;*
*6. L-ispejjez l-ohra kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 3 ta' Lulju 2007, ghandhom jithallsu kwantu ghal erba' partijiet minn hamsa (4/5) mis-socjeta konvenuta u kwantu ghal parti wahda minn hamsa (1/5) mis-socjeta attrici"*.

Il-principju generali hu li t-tellief ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez. F'dan il-kaz l-ebda parti ma nghatat ragun f'kollox. Meta tikkunsidra li l-qorti laqat it-talba tal-attrici ghas-somma ta' €3,054 (Lm1,312) u dak li ddecidiet dwar l-eccezzjonijiet li nghataw mis-socjeta konvenuta, il-qorti ma tara xejn irregolari f'dak li ddecidiet l-ewwel qorti. Wiehed irid jiftakar li l-parti l-kbira tas-sentenza kienet titratta decizjonijiet dwar l-eccezzjonijiet li tat is-socjeta' konvenuta u cjoe' dawk ta' preskrizzjoni, li l-makkinarju li ntuza ma kienx dak pattwit u li s-socjeta' konvenuta kienet hallset. Il-qorti ma tara l-ebda raguni ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni li kull qorti ghandha fir-rigward tal-kap tal-ispejjez.

12. Fir-rigward tal-imghax, irrispettivament kemm ghadda zmien sakemm inghatat is-sentenza, l-ewwel qorti applikat il-ligi. Ghalhekk dan l-aggravju hu wkoll minghajr bazi.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra C & F Enterprises Limited.**

Imhallef Anthony Ellul.